**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tal-Hadd 7 ta' Settembru, 2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**James Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra James Azzopardi ta' 25 sena, bin Raymond u Josephine xebba Sammut, imwieled Pieta' nhar t-13 ta' Marzu 1989, residenti gewwa 19 'March Court', Flat 8, Triq It-Turisti Bugibba u detentur tal-karta ta' l-identita' 132889(M) talli:

Talli minn gewwa fond nru.79,'Bari' Triq Misrah Il-Barrieri Santa Venera nhar il-14 ta' Lulju 2014, f'xi hin ma' lejl wara 01:00 ta' filghodu, ikkommettejt serq ta' ammont konsiderevoli ta' deheb, arloggi u oggetti ohra liema serq jeccedi l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (2390.24c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz,bil-hin u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Mario Farrugia detentur ta karta ta Identita: 0332366 M u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47c fuq tieqa ta' fond nru.79,'Bari' Triq Misrah Il- Barrieri Santa Venera, ghad-detriment ta' Mario Farrugia detentur ta karta ta Identita: 332366 M u/jew persuna/i ohra;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkunsidra lil hati bhala recediv ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fejn kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza kienu tal-fehma li f'dan il-kaz piena karcerarja sospiza kienet l-aktar wahda idonea.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu hlief ghat-tieni imputazzjoni li inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu. Oltre' dan l-imputat se jaghmel tajjeb ghar-reat li wettaq billi se jhallas lid-derubati kemm tal-valur tad-deheb misruq ossija l-ammont ta' €4,000 kif ukoll tal-hsara li ghamel waqt it-twettiq tar-reat ossija l-ammont

ta' €676 u ghalhekk ma tqisx li piena karcerarja effettiva hija wahda idonea.

Ma rrizultax li kien hemm involuti xi hlas ta' esperti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269(g), 278(3), 279, 280, 325(1)(b) 17, 20 u 31 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin. Inoltre bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta' erbat elef sitt mija u sitta u sebghin Euro (€4,676) lil Mario Farrugia u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(2) l-imputat qieghed jinghata zmien sitt (6) xhur millum sabiex iwettaq tali hlas.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Kopja ta' din is-sentenza u ta' l-atti ghandhom jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

Magistrat Josette Demicoli